



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 155/24

Il-Lussemburgu, 2 ta' Ottubru 2024

Sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-797/22 | Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles et vs Il-Kunsill, T-798/22 | Ordre des avocats à la cour de Paris u Couturier vs Il-Kunsill u T-828/22 | ACE vs Il-Kunsill

Miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-gwerra fl-Ukraina: il-projbizzjoni fuq l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lill-entitajiet stabbiliti fir-Russja hija valida

Il-Qorti Ġenerali tafferma mill-ġdid l-importanza tad-dritt fundamentali ta' kull persuna li tiegħu parir minn avukat sabiex tmexxi, tipprevjeni jew tantiċipa proċedura ġudizzjarja u tikkonstata li dan id-dritt ma jiġix ikkontestat mill-projbizzjoni kkontestata

Fl-2022, bi tweġiba għall-intensifikazzjoni tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta sensiela ta' miżuri restrittivi intiżi li jagħmlu pressjoni fuq ir-Russja sabiex ittemm il-gwerra tagħha ta' aggressjoni. Fost il-miżuri meħuda kien hemm il-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza legali ¹.

Bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet, dawn l-atti kienu jipprojbixxu lil kull persuna li tista' tipprovdi servizzi ta' konsulenza legali (li jiġu eżerċitati, b'mod partikolari, fit-territorju tal-Unjoni) milli tipprovdi tali servizzi lill-Gvern Russu u lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Il-projbizzjoni kellha l-għan li tkompli żżid il-pressjoni fuq ir-Russja.

Kmamar tal-avukati Belġjani, fosthom l-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles, des avocats belges, l-Ordre des avocats à la cour de Paris u waħda mill-membri tagħha, kif ukoll l-assoċjazzjoni Avocats Ensemble (ACE), ressqu talba għall-annullament ta' din il-projbizzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fehma tagħhom, din il-projbizzjoni ma kinitx motivata u kienet tikser id-drittijiet fundamentali li jggarantixxu l-aċċess għall-pariri legali ta' avukat, is-sigriet professjonali tal-avukat, id-dmir ta' indipendenza tal-avukati, il-valuri tal-Istat tad-dritt, kif ukoll il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali.

Il-Qorti Ġenerali **tiċhad it-tliet rikorsi**.

Hija tfakkar li **kull persuna għandha d-dritt, irrikonoxxut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li tinkludi d-dritt li tingħata pariri u rappreżentanza minn avukat f'kuntest kontenzjuż, attwali jew probabbli**. Hija tqis li dan id-dritt ma jiġix ikkontestat mill-projbizzjoni kkontestata.

Hija tispeċifika f'dan ir-rigward li l-projbizzjoni ġenerali li jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza legali lill-**Gvern Russu** u lil **persuni ġuridiċi**, entitajiet u korpi **stabbiliti fir-Russja** ma tikkonċernax is-servizzi ta' konsulenza legali pprovduti **b'rabta ma' proċedura ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali**. Għalhekk, il-projbizzjoni hija applikabbli biss għall-pariri legali li ma jkollhomx **rabta ma' proċedura ġudizzjarja**. Il-Qorti Ġenerali żżid li l-**pariri legali mogħtija lil persuni fiżiċi**, b'mod partikolari, ma jaqgħux fil-kamp tal-projbizzjoni.

Fir-rigward tad-derogi ² mill-projbizzjoni, il-Qorti Ġenerali tqis li dawn **ma jinvolvux**, fihom infushom, **indħil** fil-

protezzjoni tas-sigriet professjonali tal-avukat. Madankollu, hija tippreċiża li l-Istati Membri huma obbligati, meta jiddefinixxu l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-proċeduri ta' eżenzjoni, li **jiżguraw l-osservanza** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Filwaqt li tfakkar l-importanza tal-indipendenza tal-avukat sabiex jiġi ggarantit id-dritt tal-partijiet fil-kawża għal rimedju effettiv, f'kuntesti li jinkludu rabta ma' proċedura ġudizzjarja, il-Qorti Ġenerali tqis li l-projbizzjoni inkwistjoni ma tapplikax għas-servizzi ta' konsulenza legali pprovduti minn avukat u li jkollhom rabta ma' proċedura ġudizzjarja, u **għalhekk ma tinvolvi l-ebda ndħil** fl-indipendenza tal-avukat.

Il-Qorti Ġenerali żżid li l-missjoni fundamentali ta' avukat fl-osservanza u għad-difiża tal-Istat tad-dritt tista' tkun **suġġetta għal limitazzjonijiet**. Fil-fatt, din il-missjoni tista' tkun suġġetta għal **restrizzjonijiet iġġustifikati** minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, **bil-kundizzjoni** li dawn ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tal-missjoni fdata lill-avukati fi Stat tad-dritt.

Skont il-Qorti Ġenerali, kif iddelimitata mid-dispożizzjonijiet ta' eċċezzjoni u ta' eżenzjoni, il-projbizzjoni inkwistjoni **għandha għanijiet ta' interess ġenerali, mingħajr ma tippreġudika s-sustanza stess tal-missjoni fundamentali tal-avukati f'soċjetà demokratika**.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenzi ([T-797/22](#), [T-798/22](#) u [T-828/22](#)) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw is-sentenzi.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Il-Kunsill introduċa din il-projbizzjoni bir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2022/1904](#) tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, bir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2022/2474](#) tas-16 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u bir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2023/427](#) tal-25 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014.

² Dawn huma dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jneħħu l-projbizzjoni f'ċerti sitwazzjonijiet identifikati b'mod preċiż. L-imsemmija awtoritajiet għandhom marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-modalitajiet li bihom trid tiġi fformulata, imressqa u pproċessata talba għal eżenzjoni.